**Int imbierka**

Ibqa’ issielet ja qalbiena
Bil-mewġ ikraħ l'għandek kontrik,
Għax dak Alla fi tjubitu
Żgur li qatt qatt mhu se jħallik.

Int mimlija b’ħafna tama
Għax qalbek tiegħu u ta' ħadd,
U biss jista' jimliehelek
Int bqajt mieghu għalkemm tqabadt.

Ibqa' aqdef fl-eħrex imwieġ
Ara dirgħajk kif issudaw,
Leħnek ħelu, qalbek kbira
Għalhekk lilek ħafna afdaw.

Ħares iġri lejn ix-xefaq
Li jimliek qalb tant tbatija,
B'dik il-ħeġġa li tibqa’ tħobb
Lill-oħrajn b'bosta qlubija.

Ħlewwitek safja, kollha ġmiel
Qalbek miftuħa għall-Missier,
Li jgħożżok b'qalbu x'ħin jarak
Għax fik jara l'Ibnu sinċier.

Li għalina ħajtu offra
Fuq l-ehrex għuda tas-salib,
Jien lilu fik nara qed jgħix
Hu għalik il-veru ħabib.

Int le m'intix iżjed waħdek
Anzi dejjem int imxierka,
Ma' Ġesù w Marija miegħek
Magħhom dejjem int imbierka.

Patri Mario Attard OFM Cap
20 ta' Lulju 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen